

Brussell, 5 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

9560/25

COPS 242
EUMC 194
POLMIL 130
PSC DEC 18
CFSP/PESC 796
CSDP/PSDC 338
COAFR 119
ATALANTA 16
RELEX 677

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA), u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2025/365 (EUNAVFOR ATALANTA/2/2025)

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2025/...

ta' ...

**dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE
għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb
ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan
u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA),
u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2025/365
(EUNAVFOR ATALANTA/2/2025)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/851/PESK tal-10 ta' Novembru 2008 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA)¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

¹ ĠU L 301, 12.11.2008, p. 33, ELI: http://data.europa.eu/eli/joint_action/2008/851/oj.

Billi:

- (1) Fl-10 ta' Novembru 2008, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK, li tipprevedi operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA).
- (2) Skont l-Artikolu 6(1) tal-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) sabiex jieħu deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għal EUNAVFOR ATALANTA (il-"Kmandant tal-Forza tal-UE").
- (3) Fit-18 ta' Frar 2025, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2025/365² li taħtar lill-Kontrammirall Davide DA POZZO bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE.
- (4) Fit-8 ta' Mejju 2025, l-awtoritajiet militari Spanjoli pproponew il-ħatra tal-Kontrammirall Francisco Javier VÁZQUEZ SANZ biex jieħu post il-Kontrammirall Davide DA POZZO bħala l-Kmandant il-ġdid tal-Forza tal-UE.
- (5) Fid-9 ta' Mejju 2025, il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE ta' EUNAVFOR ATALANTA appoġġa l-ħatra proposta.

² Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2025/365 tat-18 ta' Frar 2025 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċea Indjan u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA), u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2024/2983 (EUNAVFOR ATALANTA/1/2025) (ĠU L, 2025/365, 19.2.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/365/oj>).

- (6) Fl-14 ta' Mejju 2025, il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa l-ħatra proposta u qabel li l-Kontrammirall Francisco Javier VÁZQUEZ SANZ jinħatar bħala Kmandant tal-Forza tal-UE għal EUNAVFOR ATALANTA.
- (7) Jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Kontrammirall Francisco Javier VÁZQUEZ SANZ bħala Kmandant tal-Forza tal-UE.
- (8) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2025/365 titħassar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kontrammirall Francisco Javier VÁZQUEZ SANZ huwa maħtur Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA) mit-12 ta' Ġunju 2025.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/365 hija b'dan imħassra.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-12 ta' Ġunju 2025.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President
